Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2009

Numru 921/2008

Il-Pulizija
(Spettur James Grech)

vs

Romeo Bone

Il-Qorti;

L-akkuza kontra l-akkuzat hi, talli:
- fis-27 ta’ Marzu 2006 ghal habta tal-4.30pm f’Telghet il-Krucifiss, Floriana, saq vettura numru KBB 558 (i) b’manjiera traskurata, (ii) b’giri aktar milli jmissu, (iii) b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaguna offizi ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Dylan Vassallo skond kif iccertifikat minn Dr Agnes Cachia Pickard M.D ta’ S.L.H, (iv) involontarjament ikkaguna offizi ta’ natura


Qrati tal-Gustizzja

gravi fuq il-persuna ta’ Hatherly Ritmar skond kif iccertifika Dr M. Caruana M.D ta’ S.L.H.

Il-Prosekuzzjoni talbet li l-akkuzat jigi skalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tigi trattata sommarjament, mhux opposta mill-akkuzat;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Dawn huma proceduri li ttiehdu kontra l-akkuzat kawza ta’ incident awtomobilistiku li sehh fis-27 ta’ Marzu, 2006, f’Telgha il-Krucifiss, Floriana, li konsegwenza tieghu soffrew feriti gravi z-zewg guvintur li kienu passiggiera fil-vettura. Il-vettura in kwistjoni hija tal-marka Ford Escort numru ta’ registrazzjoni KBB-558 registrata fuq martu izda li kienet qed tigi misjuqa mill-akkuzat.

Illi l-provi in atti ma jhallu ebda dubbju dwar li l-feriti sofferti miz-zewg guvintur riekba fil-vettura misjuqa mill-akkuzat kienu ta’ natura gravi. Dan hu fatt accertat u attestat mic-certifikati medici esebiti in atti li l-akkuzat ma jikkontestax. Apparti dan pero’ il-provi bl-ebda mod ma jwasslu biex jippruvaw sija is-sewqan perikoluz jew is-sewqan bi speed aktar minn dak konsentit. Anzi mix-xhieda jirrizulta li s-sewqan tal-akkuzat kien wiehed ‘normali’ u jidher li l-kawza tal-incident kienet manuvra ta’ terz li ttanta jissorpassa karozzin, gej mill-lat oppost, bil-konsegwenza li l-akkuzat kien sfurzat jersaq lejn il-bankina fejn laqat rota. Din splodiet, u l-vettura misjuqa minnu tkaxxkret man-naha opposta tat-triq u spiccat tahbat ma’ hajt. Dawn huma l-fatti li jirrisultaw fil-kawza u kif mistqarra mill-akkuzat korroborat minn wiehed mill-passiggieri riekba mieghu.

Illi fuq l-iskorta ta' tali xhieda, li hi l-unika xhieda li tinsab fl-atti u li tispiega d-dinamika tal-incident, din il-Qorti hi tal-fehma li l-indagni dwar x'kawza l-incident insolitu meritu l-kawza ghandu jieqaf hawn.

Konsegwentement tiddikjara l-akkuzat mhux hati tal-akkuzi kontrih dedotti u tilliberah minn kull htija u piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------